**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. NADIA H. VELLA

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 703/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 20

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

**Trustrade Limited – C10492**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' elf, erba' mija u ħamsin ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,450.97c), in konnessjoni ma' servizzi ta' televiżjoni, inkluż GO Sports, bl-akkont numru *A/C10043239* reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra n-nota ippreżentata mis-soċjeta` attriċi fid-29 ta' Settembru 2015, illi permezz tagħha rriduċiet l-ammont minnha pretiż għas-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u dana stante illi fil-mori tad-differiment sar pagament akkont ta' mitejn u ħamsin ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€250.97c).

Ra illi fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2015, dehret l-Avukat Maria Grech in rappreżentanza tas-soċjeta` konvenuta fejn permezz ta' nota għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` konvenuta ammettiet it-talba attriċi kif dedotta u sussegwentement ridotta.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba u cioe mill-1 ta' Settembru 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur